MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 23

Il-Ħamis, 25 ta' Marzu, 2021

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' permezz ta' Microsoft Teams meeting fil-13:30.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

Etienne Cauchi – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 23.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

23.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

23.1.2 Dwar il-punt 22.2.9 Il-Kunsillier George Camilleri lmenta li l-kontra stqarrija tiegħu dwar il-punt li hu pprova jtella fuq il-Facebook page tal-Kunsill ma ġietx tidher. Hawnhekk ġie spjegat lilu li fuq il-FB page tal-Kunsill jidhru biss l-istqarrijiet uffiċjali tal-Kunsill. Pero s-Sur Camilleri baqa jisħaq li trid tidher. Għalhekk il-Kunsill qabel li l-istqarrija uffċjali tal-Kunsill flimkien ma l-istqarrija ta' Camilleri għandhom jiġu annessa ma dawn il-minuti. Peress li fl-istqarrija tiegħu Camilleri ta x'jifhem li huwa kien infurmat b'email biss, is-Sindku fakkar li George Camilleri kien involut ukoll fil-FB chat u talab ukoll li screen shot ta dan iċ-chat jiġi anness mal-istess minuti.

23.1.3 Wara kunsiderazzjoni, il-minuti kienu approvati nem con kif emendati u kienu iffirmati mis-Sindku u s-SE

## 23.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

23.2.1 Is-Sindku ippropona li f'dawn il-minuti jiġu anessi l-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Coastal SAGE Project. Il-Kunsill qabel unanimament.

23.2.2 Is-Sindku ippropona li għalissa, minħabba l-pandemija, l-ambaxxatur jibqa' hu fil-kariga. Il-Kunsill qabel unanimament.

23.2.3 Is-Sindku qal li rigward il-applikazzjoni li saret mal-GAGF, għadna nistennew ir-riżultati.

23.2.4 Is-Sindku qal li hu flimkien ma Michael Buhagiar u Vicky Xuereb kellu laqgħa l-Ministeru rigward it-Triq il-Ġebla tal-Ġeneral. Waslu fil-ftehim sabiex jekk għad fadal xi variances minn naħa tal-kuntrattur, jidaħħlu issa qabel jiġi iffirmat il-kuntratt.

23.2.5 Is-SE fakkret lill-Kunsill fl-azzjonijiet industrijali li għaddejin bħalissa min-naħa tas-Segretarji Eżekuttivi kollha. Is-SE qalet li għalissa, l-azzjonijiet industrijali huma li ma jintużawx mezzi ta' komunikazzjoni, kemm dawk uffiċjali (emails, telefon u mobajl) u lanqas dawk mhux uffiċjali bħal whatsapp, messenger eċċ.

23.2.6 Is-SE qalet li irċiviet applikazzjoni mingħand is-sid taċ-Child care Centre li jinsab fi Triq San Lawrenz sabiex isir loading/unloading bay quddiem iċ-Ċentru. Is-SE qalet li s-sid qaltilha li fuq proposta ta' Kunsillier f'din l-laqgħa stess, ser tiġi approvata l-loading/unloading bay minn naħa tal-Kunsill. Is-Sindku talab jekk xi ħadd jixtieqx jivverifika din il-proposta, pero ħadd mill-kunsillera ma wieġeb. Is-Sindku qal li rigward din is-sitwazzjoni, l-Kunsill ġie idderiġut mit-TM fejn qalulna il-proċedura tgħid, li triq arterjali, sakemm ma jkunx hemm proposta mill-Kunsill, irid japplika l-individwu. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 23.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

23.3.1 Il-Kunsillier Carmela Grima saqsiet liema widien se jiġu milquta fil-Coastal SAGE Project. Is-Sindku qal li hu ippropona li jiġu mnaddfa diversi widien inkluż Wied Ġonu u Wied il-kbir għaliex il-ħmieġ minn widien kollha jinżel.

23.3.2 Il-Kunsillier Joseph Cauchi ippropona li l-borża s-sewda tibda tiġi miġbura s-sena kollha. Is-Sindku informaħ li għalissa ma jidirhx li hemm daqshekk bżonn pero jista' jippreżenta l-proposta lir-Reġjun għal meta jgħaddi l-management tal-iskart għandhom. Il-Kunsill qabel unanimament.

23.3.3 Il-Kunsillier Anthony Formosa saqsa il-mats tal-Playing Field għadhom taħt garanzija għaliex kollha inqalgħew. Is-Sindku qal li ma jahsibx għax għaddew iktar minn ħames snin pero din tista tidħol bħala spiża oħra mal-iskema l-ġdida tal-Playing Fields.

## 23.4 Belvedere il-Qasam bil-Fondi tal-UIF;

23.4.1 Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jibda jaħdem fuq proġett ġdid, Belvedere fl-area tal-Qasam bil-fondi tal-UIF. Is-Sindku qal li bl-istess fondi nkunu nistgħu nnaddfu l-ġebel li waqa filwaqt li insebbħu l-area b'Belvedere ġdid. Il-Kunsill approva unanimament.

## 23.5 Residence Parking fil-Pjazza;

23.5.1 Is-Sindku qal li r-residenti tal-Pjazza talbuħ sabiex isir residence parking fil-Pjazza. Is-Sindku qal li l-parking tal-pjazza ikun jista' jiġi użat bla limitu mir-residenti, pero min mhux resident, ikollu l-ħin limitat. Wara diskussjoni sar qbil li jintbgħat survey lin-nies sabiex niġbru suġġerimenti dwar il-proposta.

## 23.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

23.6.1 Ġew approvati unanimament l-pagamenti li kien hemm pendent u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 23.7.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

23.7.1 Il-laqgħa intemmet fis-15:00 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis, 25 ta' April 2021 fil-13:30.

IFFIRMATA

Noel Formosa
Sindku

IFFIRMATA

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv

# BI-LATERAL MEETING – KERCEM & SAN LAWRENZ LOCAL COUNCILS – DWEJRA MASTER PLAN

## Minutes

| | |
|---|---|
| **Entity:** | **Kercem & San Lawrenz Local Councils** |
| **Date & Time** | 12th February 2021. Started 11.00am |
| **Venue:** | Online (Microsoft Teams) |
| | Noel Formosa (NF) - San Lawrenz LC |
| | Sarah Formosa (SF) – San Lawrenz LC |
| | Rachel Xuereb (RX) – Adi Associates |
| | Krista Farrugia (KF)– Adi Associates |
| | Elena Portelli (EP) – Parks Malta |
| | Eman Calleja (EC) - Ecologist |
| **Agenda** | |
| 1. Introductions<br>2. Request to record the meeting<br>3. Presentation | |

| | |
|---|---|
| **RX** | • We wish to know if you have any work going on in Dwejra, even if it is under the EAFRD funding. |
| **NF** | • No, presently we have no projects or work going on and nothing planned. But the water flow is being blocked by waste rubble, so it is flowing from somewhere else and causing damage. So, we need to do something to return the flow to its original path. |
| **RX** | • Issues arising in the Catchment are:<br>- As you mentioned, blocked water flow because of the waste rubble<br>- Off-roading<br>- Urban drainage water flow<br>- Problems with access for maintenance and cleaning<br>• Proposed Actions:<br>- Clean up of valley bed<br>- Removal of excavation waste<br>- Clean up of the valley near the quarry<br>- Removal of invasive alien species<br>- Afforestation<br>- Creation of a footpath<br>- Set up of a national green warden service<br>- Set up of a working group to tackle strategic issues at a Catchment level |
| **NF** | • There is a lot to be done here and I agree with the idea of afforestation and a footpath, but it would be nice to create some form of |

| | |
|---|---|
| | birdwatching on the way. There was a local bird that frequented that area, so maybe in the right environment it will return. |
| **EC** | • The idea of building gabions there will benefit the water course. They will filter the water from sediment that runs down it. They will be ½ metre high and we will have 4 spaced out every 20 metres. |
| **NF** | • And when the metal netting corrodes what happens to these gabions? |
| **EC** | • It is galvanised so it will last for a very long time. The only maintenance is cleaning up what has been caught up on the side from where the water is flowing. |
| **NF** | • Very good.<br>• Is there a way we can include Wied Pisklu? We had proposed to intervene there but ran out of funds. This is one of the only places left where there is a 'migbha' for the bees. The rubble walls there are amazing too. There is an old derelict house there that could be converted into an information centre. |
| **RX** | • Did you apply for EU funds for this? |
| **NF** | • No, we are talking about 15 years ago, when we wished to do something. There might still be something online, as we had wished to do a Heritage trail there. The application might still exist. |
| **RX** | • This sounds very interesting and we can include it in this project. |
| **EP** | • Next year we will start the pilot project of Wied ic-Cnus. The installation of gabions will begin between Summer 2022 and 2023. This will be like a template to see how things will be done. The other pilot project is in Malta, Wied Speranza. |
| **NF** | • The Council is behind you in this project, so if there is anything we can do, please let us know. We will try to educate our constituents about the value of our valley.<br>• One final thing; there is a house near Sta. Lucia going towards the valley that belongs to the government. This could be used for the education of children on the valley, or showing how an old farmhouse was originally built, or even with local produce in it. It is becoming more derelict as we speak, so the sooner something is done with it the better, before it collapses. |
| **RX** | • Send us any information you have; of the things you wish us to consider and we may be able to put them in the Master Plan. |
| | • End of meeting |

| | |
|---|---|
| **Action to be taken** | • Circulation of minutes<br>• Presentation |